MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 2274/2003

**Deborah Brownrigg f'isimha proprju u ghan-nom tad-ditta Mistral Agency Limited**

**vs**

**Berger Paints (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet hlas ta' disa' mija tmienja u disghin Lira Maltin u zewg centezmi (LM998.02) bhala hlas rapprezentanti diversi servizzi li l-attrici *pro et nomine* pprovdiet lis-socjeta' konvenuta, konsistenti fi freight forwarding u servizzi ohrajn relatati ma *customs clearance* u trasport fuq ordni taghha stess skond arrangament bejniethom li ilu *in vigore* ghal snin twal;

Illi s-socjeta konvenuta ghadha ma hallsitx dawn is-servizzi u ghalhekk is-socjeta’ konveuta hija debitrici a favur tal-attrici *pro et nomine* fl-ammont hawn mitlub skond l-*istatement* fl-atti u dan l-ammont ghadu ma thallasx sal-lum;

Illi l-attrici *pro et nomine* qieghda titlob lli s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata li thallas l-ammont imsemmi kif ukoll l-interessi u l-ispejjez skond il-Ligi;

Is-Socjeta’ konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta u il-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta fejn gie sollevat illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici mhux dovut stante lli l-istess socjeta’ kienet qed tithallas xi drabi darbtejn ghall-istess servizz rez lis-socjeta’ konvenuta u drabi ohra kienet qed tippretendi hlas bil-bosta aktar oghli minn dak li kien misthoqq lilha;

Illi minhabba f’dan l-agir tas-socjeta’ konvenuta hemm ammont, bil-wisq akbar minn dak pretiz f’din it-talba tas-socjeta’ attrici u li huwa dovut mis-socjeta’ attrici lil dik konvenuta rappresentanti bosta pagamenti li ghamel is-sojeta’ konvenuta llil dik attrici u li ma kienux dovuti;

Illi l-kontro talba ghal dan l-ammont ma saritx quddiem dan it-Tribunal f’din ir-Risposta ghaliex l-ammont dovut mis-socjeta’ attrici lil dik konvenuta jmur bil-wisq *oltre* il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal;

Illi c-citazzjoni f’dan is-sens ser tigi pprezentata fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili fi zmien qasir.

Illi t-Tribunal ra il-kontro talba tas-socjeta’ konvenuta ipprezentata fis-7 ta’ Jannar, 2005 wara li giet awtorizzata ai termini tal-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Ottubru, 2004 fejn talbet l-hlas ta’ seba’ mija sitta u sebghin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (LM776.31) (VAT eskuz) ghas-snin 2002 u 2003 liema hlas jirraprezenta servizzi li qatt ma gew rezi mill-atturi izda li fil-fatt gew rezi u debitament mhallsa ukoll lil Freight Services Limited, rapprezentanti

hlas doppju ghas-snin 2002 and 2003 u dan kif qieghed dokumentat fl-Atti.

Illi s-socjeta konvenuta hija nvoluta fil-manifattura ta' zebgha u affarijiet ohra relatati ma dan ix-xoghol u ghal dan il-ghan timporta diversi prodotti minn barra minn Malta ghalhekk inkarigat lill-atturi bhala *shipping agents* taghha f'Malta ghal xi snin;

Illi s-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi *agency fee* u tirrifondilha wkoll dawk l-ispejjez l-ohra kollha li l-atturi kienu jindikaw li qed jinkorru fl-*invoices* li kienu jintbaghtu lis-socjeta' konvenuta;

Illi fil-fatt irrizulta sussegwentement illi dawn is-servizzi l-ohra kienu qieghdin jigu rezi minn socjeta' ohra u cioe', Freight Services Limited li kellha rwol ukoll ta' *Local Clearing Agent* mas-socjeta' konvenuta u l-atturi qatt ma pprestaw tali servizzi nonstante li ta dawn xorta ppretendew hlas;

Illi l-Freight Services Limited ukoll kienet tibghat fatturi lis-socjeta' konvenuta ghal hlas tas-servizzi taghha, liema hlas kien debitament qieghed isir;

Illi s-socjeta' konvenuta, minbarra l-*agency fee* debitament dovuta lil-atturi , hallset lill-istess atturi s-somma ta' seba' mija sitta u sebghin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (LM776.31) (VAT eskluza) ghas-snin ta' 2002 u 2003, liema hlas kien jirraprezenta servizzi li qatt ma gew rezi mill-atturi izda li fil-fatt gew rezi u debitament imhallsa ukoll lil Freight Services Limited;

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi semmaj ikkundannata thallas biss id-differenza, jekk hemm bejn it-talba attrici u din il-kontro talba.

Bl-Ispejjez u imghaxijiet legali kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra r-risposta ghall-kontrotalba tas-socjeta' attrici fejn giet sollevata illi l-esponenti *propijo et nomine* qatt ma

agixxiet jew giet inkarigata bhala *shipping agent* izda agixxiet biss bhala *logistic consultant;*

Illi ghalehkk il-premessi tal-kontro talba huma kompletament infondati ghax ir-rapport ta' *shipping agent* qatt ma ezista.

Ghaldaqtsant, il-kontro talba tal-konvenut ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

It-Tribunal ra x-xhieda ta' Ronald Simiana, ra u sema' x-xhieda ta' Kenneth Gauci Borda;

It-Tribunal ra l-atti kollha tal-kawza u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici kif ukoll in-Nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta. Ra ukoll ir-Replika tas-socjeta' attrici u ghalkemm s-socjeta' konvenuta inghatat zmien sabiex taghmel kontro replika din ghazlet li ma tipprezentax kontro replika.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba u kontrotalba.

Fir-rigward tat-talba s-socjeta' attrici talbet hlas ta' servizzi fost servizzi ohra ta' '*freight forwarding'* u servizzi ohrajn relatati ma *customs clearance* u transport, liema servizzi s-socjeta' konvenuta tghid illi xi drabi is-socjeta' thallset darbtejn ghall-istess servizz u xi drabi ohra ippretendiet hlas aktar oghli minn dak li kien jisthoqqilha.

Illi s-socjeta' konvenuta irrizervat id-dritt ili taghmel kontrotalba fit-talba u sussegwentement intlaqghet talba f'dan is-sens mit-Tribunal. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti qieghda tippretendi l-hlas ta' seba' mija sitta u sebghin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (LM776.31) rapprezentanti hlas doppju ghas-snin 2002 u 2003.

Illi fix-xhieda ta' Kenneth Gauci Borda direttur tas-socjeta' konvenuta, jghid illi kienu ghal bosta snin juzaw lil Mistral Trading Agency Limited sabiex jikkordinaw l-importazzjoni tal-materja *prima* bhala *freight forwarders*. Meta l-materja *prima* tasal Malta huma kienu juzaw lil Freight Services Limited sabiex iwasslu l-materja prima mill-moll, jghadduha mid-dwana u jwassluha sal-bieb. Is-socjeta' konvenuta indunat bl-allegat sejha ghal hlas doppju meta kien sar '*internal audit'* tas-socjeta' konvenuta mill-*mother company* Berger Inetrnational. Dan *l-internal audit* irrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet qieghda tigi iccargjata doppju ghall-istess servizz. It-Tribunal inghata ezempju ta' iccargjar doppju a fol. 179 u fol. 182 fejn jidher illi gew iccargjati 'FIOS' (FIOS tfisser *free in/out stow*) darbtejn meta suppost ikun '*charge'* ta' darba biss dawn ammontaw ghal LM122.00 fil-fattura tas-socjeta' attrici.

Fit-tieni xhieda ta' Gauci Borda hu kien jghid illi s-socjeta' Freight Services Limited kellhom zewg funzjonijjiet bhala *freight forwarding agents* u sabiex iwasslu x-xoghol sal-bieb u cioe' *ship to shore* u *shore to warehouse.*

Skond ix-xhieda ta' Ronald Simiana, General Manager tas-socjeta' attrici jghid illi s-socjeta' attrici mhijiex *shipping agent* izda hija *logistics agent.* Hu jghid illi kienu jiehdu hsieb l-importazzjoni tax-xoghol tas-socjeta' konvenuta u kienu qishom ufficju estiz tas-socjeta' konvenuta. Hu jghid illi meta x-xoghol kien jasal Malta kienu l-Agenti kienu jghidu lilhom u l-kontijiet kien johroghom fuq isem is-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk is-socjeta' attrici kienux jiccargjaw il FIOS ix-xhud kien cahad. Huwa jghid illi s-socjeta' attrici kient ticcargja '*agent fee'* ghal servizz kontinwu moghti lis-socjeta' konvenuta kif ukoll *local charges* li kienu 'charges' ghas-servizzi l-ohra li kienu jaghtu bhal telefonati barra.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijet tas-socjeta' attrici gie spjegat in-natura tax-xoghol li taghmel is-socjeta' attrici kif ukoll gie spjegat ir-relazzjoni kummercjali mas-socjeta' konvenuta illi ghal tul snin dawn kienu jghatu servizzi relatati ma *freight.* Is-socjeta' attrici kienet tagixxi ghas-

socjeta' konvenuta permezz ta' *purhase order* mahruga mis-socjeta' konvenuta li tikkonferma u tawtorizza is-servizz skond stima mahruga mis-socjeta' attrici. Wara li s-servizz kien moghti s-socjeta attrici kienet tohrog il-fattura skond l-istima u purchase order. Kien fl-2003 li dan l-arrangement mas-socjeta' attrici intemm mis-socjeta' konvenuta.

Fin-Nota ta' sottomissjonijet tas-socjeta' konvenuta isostni lli s-socjeta' attrici kienet inkarigata li tara lli x-xoghol jasal sall-port u mill-Port 'l quddiem dan ix-xoghol kien jaghmlu is-socjeta' Freight Services. Kien wara *internal audit* maghmula minn raprezentanti tal-*mother company* illi ngibed l-attenzjoni tas-socjeta' konvenuta lli kien qed ikun *double invoicing.* Gie rilevat fin-Nota tas-socjeta' konvenuta lli il-hlas ghall-FIOS kien qed johrog darbtejn kemm mis-socjeta' attrici kif ukoll mis-socjeta' Freight Services. Fil-fattura tas-socjeta' attrici hemm imnizzel *local charges* izda dawn ma gewx spjegati f'ebda dettall minn rapprezentant tas-socjeta' attrici. Dawn Ispejjes kienu generici.

Is-socjeta' konvenuta issottolinejat zewg fatturi fis-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin (LM122.00) li jindikaw kont ghall-hlas ta' FIOS li kien diga mhallas lil-Freight Services Limited.

Is-socjeta' konvenuta issostni lli l-fatturi tas-socjeta' attrici huma fittizji u mhux gustifikati kif inhuma ukoll il-fatturi l-ohra kollha mahruga mis-socjeta' attrici.

Illi fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta' konvenuta ppruvat illi is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin (LM122.00) konsistenti f'talba ghall-hlas ta' FIOS kienet saret mis-socjeta' attrici meta dawn kienu diga' gew mitluba sabiex ihallsu mis-socjeta' Freight Services. Izda fir-rigwad tal-allegazzjoni ta' fatturi fittizji, s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha u l-anqas ma insistiet ghal spjegazzjoni dettaljata tal-*local charges* elenkati mis-socjeta' attrici fl-*invoices* taghha.

Huwa fatt konstatat illi s-socjeta' attrici kienet taghti servizz lis-socjeta' attrici liema servizz kien imur oltre l-*Agency fee* ta' LM10 li kienet ticcargja izda jekk kemm-il darba is-socjeta' konvenua tghid illi kien hemm *double charging* jew *over charging* dan ma jirrizultax pruvat. Il-Provi migjuba mis-socjeta' attrici kienu skond internal audit li sar u is-socjeta' konvenuta qatt ma ezebiet kopja ta' dan ir-rapport jew spjegaw kif wasslu ghal konkluzonijiet ta' *double invoicing*. L-unika prova konklussiva kienet tal-iccargjar doppju tal-FIOS.

Fil-fehma tat-Tribunal dan huwa kaz ta' nuqqas ta' gestjoni tajba u kontrol fuq x'kien qed jigri fil-kamp tas-*shipping* tas-socjeta' konvenuta.

Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta isostni li l-figuri fil-fatturi tas-socjeta' attrici huma doppji u jirrizultaw diga mhallsa mis-socjeta' konvenuta m'hemm ebda prova lampanti li tindika l-hlas doppju hlief ghal kliem *local charges* fil-fatturi tas-socjeta' attrici. Kliem ferm generici illi kellu jkun hemm insistenza da parti mis-socjeta' konevnuta ghall-aktar dettall.

Is-soluzzjoni tal-vertenza ta' din il-kawza tinsab fix-xhieda dokumentali tal-partijiet. Illi huwa fatt illi s-socjeta' attrici pprezentat kopja ta' *statement* ta' fatturi mal-prezentata tal-Avviz. Illi skond is-socjeta' konvenuta t-Tribunal ghandu jnaqqas is-somma mitluba fil-kontrotalba mis-somma mitluba fit-talba. Izda, t-Tribunal mhuwiex konvint illi l-ammonti skond il-fatturi pprezentati mis-socjeta' attrici mhumiex dovuti peress illi l-provi migjuba mis-socjeta' konvenuta ghal dawn il-fatturi fittizzji ma gewx pruvati. Il-provi tas-socjeta' konvenuta huma bbazati fuq supposizzjonjet li joriginaw minn internal audit li kien sar. Fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta' attrici qatt ma kienet saqsiet ghal spjegazzjoni dettaljata ta' x'inhuma effettivament il-*Local Charges* elenkati fil-fatturi mis-socjeta' attrici.

It-Tribunal jidhirlu lli *in kwantu* ghal *d-double charging* tal-FIOS gie pruvat hu ghalhekk din is-somma ghandha tigi fi kwalunkwe kaz ridotta mis-somma mitluba mis-socjeta'

attrici, izda fir-rigward tal-fatturi ohra t-Tribunal mhuwiex konvint lli l-ammonti huma fittizzjji jew hemm lok ta' *over charging* minhabba nuqqas ta' provi.

Ghalhekk, it-Tribunal jirrileva lli l-ammont ta' LM122 rapprezentanti *double charging* ta' FIOS gie pruvat u ghalhekk ghandu jigi ridott mit-talba tas-socjeta' attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fis-somma ridotta ta' tmien mija sitta u sebghin Lira Maltin u zewg centezmi (LM876.02) fil-waqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jilqa' *in parte* il-kontrotalba tas-socjeta' rikonvenzjonanti f'somma ridotta ghar-ragunijet fuq moghtija bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------